MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2009

Numru 951/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**
**vs**

**ANTHONY CINI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Anthony Cini, ta’ 47 sena, bin Rosario u Maria nee’ Grech, mwieled nhar it-8 ta’ Frar 1962, gewwa n-Naxxar, detentur ta’ karta tal-identita bin-numru 146862(M) u joqghod Sacro Cuore, Triq il-Htajriet, Mosta.

Billi gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer u cioe nhar id-9 ta’ April 2009 u jew fil-granet ta’ qabel uza computer jew xi

taghmir jew apparat iehor biex dahal f'xi data, software jew dokumenatzzjoni ta' appogg li jinzammu f'dak il-computer jew f'xi computer iehor, jew uza, ikkopja, jew immodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg. (art 337C (1)(a)).

U talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel output ta xi data software jew dokumentazzjoni ta' appogg mill-computer li kienu qedghin jinzammu fih, sew billi dawn itellghu bi xbieha jew b'kull mod iehor li jkun (art 337C (1)(b))

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. EC3 fl-atti ta' din il-kawza u nnutat li l-imputat Anthony Cini m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum il-parte civile Margaret Cini (Karta tal-Identita Numru 488165M) iddikjarat li hi tigi mart l-imputat u konsegwentement ghazlet li ma tixhidx kontra l-imputat zewgha.

Il-Qorti hi tal-fehma li minn ezami tal-Process jirrizulta li l-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputat Anthony Cini ma' gewx ippruvati u ghaldaqstant il-Qorti tillibera lill-istess imputat Anthony Cini mill-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------